MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 603/1999/1

**Mid-Med Bank p.l.c. qabel Mid-Med Bank Ltd u b'nota tas-17 ta' Novembru l-isem tas-socjeta attrici inbidel ghal-HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**(1) Ellul (Holdings) Limited debitur principali, u (2) Mario John Ellul, u (3) Alexandra Falzon Scerri, it-tnejn f'isimhom propriju u bhala eredi ta' Emmanuel Ellul, (4) Norman Falzon Scerri bhala garanti solidali, (5) Rita Ellul armla tal-istess Emanuel Ellul bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u l-imsemmi zewgha, (6) Waste Control Services Limited, (7) Modern Buttons Limited, (8) Modern Plastic Containers Limited, (9) Modern Crown Stoppers Company Limited, (l0) Modern Blow and Packaging Limited, (ll) Sandmar Limited, (l2) Marianne Ellul mart l-imsemmi Mario John Ellul ghall-interess li jista jkollha bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u l- imsemmi zewgha**

Permezz ta’ citazzjoni prezentata fil-15 ta’ Marzu 1999 l-attrici ppremettiet:
Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tal-konvenut debitur principali fis-somma ta' hdax il-elf mitejn u disgha u disghin lira u disgha u disghin centezmu (Lmll,299.99) bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mis-l7 ta' April, l998, salvi imghax ulterjuri, kollox kif jidher minn statement tal-kont numru 37 l63 826l hawn anness bhala dokument "A", dovuti bhala bilanc in debitu fuq facilita ta' overdraft.
Illi s-socjeta attrici hija wkoll kreditrici tal-konvenut debitur principali fis- somma ta' disgha u tletin elf sitt mija u wiehed u tmenin lira u ghoxrin centezmu (Lm39,681.20) bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mit-22 ta' Settembru, l998, salvi imghax ulterjuri, kollox kif jidher minn statement tal- kont numru 37 l64 0983 hawn anness bhala dokument "B", dovuti wkoll bhala bilanc in debitu fuq facilita ta' overdraft.
Illi is-socjeta attrici hija wkoll kreditrici tal-konvenut debitur principali fis- somma ta' hdax il-elf mitejn u tnejn u tmenin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lmll,282.83) bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mit-22 ta' Settembru, l998, salvi imghax ulterjuri, kollox kif jidher minn statement tal-kont numru 37 l64 3036 hawn anness bhala dokument "C", dovuti wkoll bhala bilanc in debitu fuq facilita ta' overdraft.
Illi is-socjeta attrici hija wkoll kreditrici tal-konvenut debitur principali fis- somma ta' mija u erba u ghoxrin elf disa mija u sitta u sebghin lira u tlieta u disghin centezmi (Lml24,976.93) bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mit-22 ta' Settembru, l998, salvi imghax ulterjuri, kollox kif jidher minn statement tal- kont numru 37 l63 8345 hawn anness bhala dokument "D", dovuti bhala bilanc in debitu fuq facilita ta' overdraft.
Illi ghalhekk is-socjeta attrici hija kreditrici tal-konvenut debitur principali fis- somma komplessiva ta' mija u sebgha u tmenin elf mitejn u erbghin lira u disgha hamsin centezmu (LMl87,240.59) bl-imghax ulterjuri tat-8% kif fuq indikat sal-jum tal-effettiv pagament.
Illi l-konvenuti l-ohra huma garanti solidali mad-debitur principali ghas- somma fuq imsemmija ta' Lml87,240.95 in

forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha tal-4 ta' Awissu, l993, u fil-konfront ta' Norman Falzon Scerri in forza ta' tliet skritturi privati datati 26 ta' Novembru, l994 (Dokument "E"), 28 ta' Marzu, l995 (dokument "F"), u l6 ta' Mejju, l997 (dokument "G"), rispettivament.

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante interpellazzjoni tas-socjeta attrici.

Illi dan l-ammont ta' Lm187,240.95 in debitu huwa cert, likwidu u dovut, u jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet tal-artikolu l67(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u peress li fil-fehma tal-kumpanija attrici il-konvenuti m'ghandux ikollhom eccezzjonijiet x'jaghtu talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandiex:-

1. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-kumpanija attrici solidalment bejniethom is-somma ta' mija u sebgha u tmenin elf mitejn u erbghin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm187,240.95) bl-imghax tat-8% fis-sena kif fuq indikat, sal-jum effettiv pagament, kif intqal fuq.

2. tiddeciedi il-kawza billi tilqa it-talba tal-kumpanija attrici bid-dispensa tas- smiegh skond id-disposizzjonijiet tal-artikoli l67 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni; Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament; Rat il-lista tax-xhieda tal-bank attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha ad eccezzjoni tall-konvenuti Mario John Ellul u Marianne Ellul mart l-imsemmi Mario John Ellul fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, in-nullita tac-citazzjoni peress illi mhux akkompunjata minn elenku ta' xhieda fid-dikjarazzjoni kif titlob il-ligi.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma jaqblux li is-somma mitluba hija dovuta lil-Bank attur u dan principalment peress li jidher li gew ikkalkulati l-imghaxijiet komposti u mhux kif titlob il-ligi f'kull stadju ta' kull kont. Oltre dan, it-talba attrici trid tigi gustifikata u pruvata.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tat-talbiet attrici, in toto jew in parte, jista jkun hemm il-gudikat wara s-sentenza moghtija minn din l-istess Onorabbli

Qorti fid-l9 ta' Frar, l999, fil-kawza fl-istess ismiiet (numru l4l/98/GCD).

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kollha ad eccezzjoni tal-konvenuti Mario John Ellul u Marianne Ellul mart l-imsemmi Mario John Ellul, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Mario John Ellul fejn gie ecccepit:-

1. Preliminarjament, in-nullita tac-citazzjoni peress illi mhux akkompanjata minn elenku ta' xhieda fid-dikjarazzjoni kif preskritt skond il-ligi.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma jaqbilx illi is- somma mitluba hija dovuta almenu fl-interezza taghha lill-Bank attur u dan principalment peress li jidher li gew ikkalkulati l-imghaxijiet komposti. Oltre dan, it-talba attrici trid tigi gustifikata u pruvata.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tat-talbiet attrici, in toto jew in parte, jista jkun hemm il-gudikat wara s-sentenza moghtija minn din l-istess Onorabbli Qorti fid-l9 ta' Frar, l999 fil-kawza fl-istess ismijiet (numru l4l/98/GCD).

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Mario John Ellul debitament konfermata bil- gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Marianne Ellul fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni peress illi mhux akkompanjata minn elenku ta' xhieda fid-dikjarazzjoni kif titlob il-ligi.

2. Illi it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenta huma nfondati fil-fatt u fid- dritt.

3. Illi l-konvenuta qatt ma awtorizzat lil-zewgha permezz ta' prokura jew skrittura ohra, li jamministra sehma fil-komunjoni tal-akkwisti.

4. Illi l-garanzija maghmula bi hwejjeg il-komunjoni tal-akkwisti ghal-dejn ta' kumpaniji mhux formanti parti l-istess kommunjoni tal-akkwisti, m'ghandux jigi kkunsidrat bhala att ordinarju tal-komunjoni tal-akkwisti li jista jsir minghajr l-awtorizzazzjoni tal-eccipjenti.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalsiasi awtorizazzjoni li l- konvenuta setghet taghti lil-zewgha huwa null u bla effett, stante kif jista jigi ahjar ipprovat fil-

kawza, l-kunsens tal-eccipjenta kien ivvizjat b'biza u vjolenza ezercitata fuqha da parti ta' zewgha Mario Ellul minn min hija illum tinsab *separata de facto*.
6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba fic-citazzjoni hija skorretta stante li l-imghax ma giex kalkolat b'mod korrett in kwantu jidher li gew ikkalkolati imghax komposti.
7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tat-talbiet attrici, in toto jew in parte, jista jkun hemm il-gudikat wara s-sentenza moghtija minn din l- istess Onorabbli Qorti fid-l9 ta' Frar, l999, fil-kawza fl-istess ismijiet (Numru l4l/98/GCD).
Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Marianne Ellul debitament konfermata bil- gurament u l-lista tax-xhieda taghha.
Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fid-9 ta’ April 2003 minn Dr Martin Fenech et (fol. 109) fejn iddikjara li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet.
**Ikkunsidrat**:-
L-attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsuha s-somma ta’ erbgha mija sitta u tletin elf mija u erbgha u hamsin ewro (436,154) bl-imghax ta’ 8% fis-sena mit-22 ta’ Settembru 1998.

Mill-atti jirrizulta li b’kuntratt pubblikat fl-4 ta’ Awissu 1993 pubblikat min-nutar Dr Joseph Henry Sciriha (fol. 45), Ellul (Holdings) Limited inghatat estensjoni ta' *overdraft* fl-ammont ta’ Lm216,000. Fil-kuntratt jinghad ukoll li:-

*“Whereas by deed in my records of the twentieth (20th) December nineteen hundred and eighty nine (1989) the principal debtor was granted overdraft and other banking facilities up to twenty four thousand Maltese liri (Lm24,000) guaranteed by note of hypothec number twenty one thousand sevend hundred and thirty four of the year 1989 (I.21,734.1989).”*.

Emanuel Ellul u Mario John Ellul iggarantew dan id-dejn solidalment flimkien ma’ Sandmar Limited, Modern Plastic Containers Limited, Modern Buttons Limited, Modern

Crown Stoppers Limited, Modern Blow and Packaging Limited u Waste Control Services Limited[1].

Ma' dan il-kuntratt hemm anness dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenuta Marianne Ellul li taqra hekk:

*"This third (3rd) day of August nineteen hundred and ninety three (1993)*

*I the undersigned Mrs Mary Anne Ellul wife of Mario John daughter of the late Joseph Darmanin and of Rita nee Borg born in Hamrun and residing at Birzebbugia hereby give my consent for the hypothecation by my husband Mario John Ellul of the villa called Emilian, unnumbered externally, in Francesco Maria Ferretti Street, Birzebbugia, with all rights and appurtenances for any amount my said husband deems fit in security of loan facilities and overdraft/extension of overdraft facilities being granted by Mid Med Bank Limited to Ellul (Holdings) Limited and for which facilities my husband is constituting himself joint and several surety.*

*I understand that Ellul (Holdings) Limited is taking a loan of Lm525,000 and the overdraft/extension of overdraft facilities available to it will be the global figure of Lm240,000, being the Lm24,000 already granted and the Lm216,000 being granted on the deed."* (fol. 54).

Il-konvenuti Alexandra Falzon Scerri u Norman Falzon Scerri ffirmaw skritturi ta' garanzija 26 ta' Novembru 1994 (fol. 11-14) u 28 ta' Marzu 1995 (fol. 15-18) u 16 ta' Mejju 1997 (fol. 19-22) ghas-somma komplessiva ta' 518,285.58 ewro. Hadd minnhom ma kkontesta li dawn il-garanziji jirreferu ghall-overdraft li Ellul (Holdings) Limited kellha mal-bank attur.

---

1 *"The surety Mario John Ellul, while standing surety in solidum with the principal debtor and with all the surety companies and with the other surety Emanuel Ellul, in favour of the bank which accepts, hereby hypothecates in a special way, in soldum with the principal debtor and with all the other sureties, in favour of the bank which accepts, the villa called Emilian, unnumbered externally, in Francesco Maria Ferretti Street, Birzebbugia.... said suretyship and guarantee being for the global facility of Lm240,000."* (fol. 49).

Mill-atti jirrizulta li l-hlas li qeghda titlob l-attrici jirreferi ghall-kontijiet *overdraft* bin-numru (ara affidavit ta' Dr Adrian Borg fol. 342-344):

i. 371638261 li nfetah fid-9 ta' Frar 1996.
ii. 371640983 li nfetah fil-11 ta' Settembru 1993.
iii. 371643036 li nfetah fit-18 ta' Settembru 1996.
iv. 371638245 li nfetah fid-29 ta' Ottubru 1977.

Mill-provi ma jirrizultax li Ellul (Holdings) Limited kellha kontijiet *overdraft* ohra.

Il-kuntratt tal-4 ta' Awissu 1993 gie ffirmat fi zmien meta r-ragel kellu l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti qabel dahlu fis-sehh l-emendi ntrodotti bl-Att XXI tal-1993 f'Dicembru ta' dik is-sena. Fis-sentenza **Noel Mallia et vs Alphonse Anastasi et** tal-Qorti ta' l-Appell tal-1 ta' Ottubru 2004, gie osservat:

*"….. qabel l-emendi li saru bl-Att XXI ta' l-1993, il-ligi taghna kienet tafda l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti f'idejn ir-ragel u dan ai termini ta' l-Artikolu 1318 tal-Kap. 16……*

*L-Artikolu 1318 kien fil-fatt jipprovdi li l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kienet f'idejn ir-ragel bil-limitazzjoni pero li, "dan ma jistax jittrasferixxi jew jipoteka dawk l-akkwisti minghajr il-kunsens tal-mara hlief b'titolu oneruz jew biex iwettaq l-obbligazzjonijiet li ghandu skond il-ligi.".*

*6. Illi kif kienet il-ligi kienet issemmi biss id-donazzjoni u l-ipoteka ta' proprjeta' u r-ragel seta' jaghti garanzija personali minghajr il-firma ta' martu……..*

*Din il-Qorti taghmel hawn referenza ghad-decizjoni tal-Prim Awla[2] fil-kawza fl-ismijiet <u>Dr Reno Borg noe et vs Joseph Borg et</u> deciza fit-3/10/2002, fejn gie ritenut ………*

[2] Imhallef T. Mallia.

*"…………. Bl-Att numru XLVI ta' l-1973, kienet saret emenda li kienet idghajjef ftit il-poter tar-ragel; dan baqa' amministratur komplet u wahdu tal-komunjoni, izda ma setghax aktar jaghti donazzjonijiet minghajr il-kunsens ta' martu. L-ghoti ta' garanzija personali da parti tar-ragel ma gietx, pero' milquta b'dik l-emenda.* ***Dik l-emenda kienet tkopri trasferimenti u l-ghoti ta' ipoteka b'mod gratuwitu mhux l-ghoti ta' garanzija personali, li setghet allura, tinghata mir-ragel wahdu kemm b'titolu gratuwitu kif ukoll b'titolu oneruz ara Mamo noe vs Abela noe et deiza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza Borg vs Borg et deciza fl-14 ta' Gunju 1994, fejn inghad li garanzija personali ffirmata mir-ragel biss kienet valia u torbot il-komunjoni u ma kienx mehtieg il-firma tal-mara ghall-validta' taghha."*** (enfazi ta' din il-qorti)[3].

Ghalhekk l-obbligazzjoni li dahal ghaliha Mario John Ellul kienet torbot il-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejnu u martu Marianne Ellul. Fil-fatt l-Artikolu 1317 tal-Kodici Civili kien jipprovdi:-

*"(1)* ***Id-djun kollha li jaghmel ir-ragel matul iz-zwieg, ukoll jekk dawn id-djun ikunu saru minhabba garanzija, jaqghu fuq l-akkwisti****, kemm-il darba ma jkunx ghamel dawn id-djun biex jillibera hwejgu, jew biex ikabbar il-valur taghhom."*.

Jirrizulta li b'sentenza li nghatat fil-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawza **Marianne Ellul proprio et nomine vs Mario Ellul** (164/1995), il-konjugi Ellul isseparaw minn xulxin u l-fond Emilian, F.M. Ferretti Street, Birzebbugia gie assenjat lil Marianne Ellul (fol. 1076-1085). Fis-sentenza ma jissemma xejn dwar id-dejn oggett ta' dawn il-proceduri.

Wara li l-qorti rat l-atti tal-kawza tosserva li:-

---

[3] Ara wkoll sentenza ta' din il-qorti (Imhallef J.R. Micallef tas-16 ta' Gunju 2005 fil-kawza **Yvonne Schiavone vs HSBC Bank Malta plc**.

i. Bil-kuntratt tal-4 ta’ Awissu 1993 pubblikat min-nutar Dr Joseph H. Sciriha, Mario Ellul solidalment iggarantixxa d-dejn ta’ Ellul (Holdings) Limited.
ii. Peress li dak iz-zmien ir-ragel kellu l-amministrazzjoni ta’ l-akkwisti (Artikolu 1318 tal-Kodici Civili), ma kienx mehtieg li jottjeni l-kunsens ta’ martu sabiex jaghti tali garanzija. Ghalkemm fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet Marianne Ellul qalet li *“qatt ma awtorizzat lil zewgha permezz ta’ prokura jew skrittura ohra, li jamministra sehma fil-komunjoni ta’ l-akkwisti.”* (tielet eccezzjoni), ir-ragel kellu l-amministrazzjoni ta’ l-akkwisti bis-sahha tal-ligi. L-istess hi minghajr bazi r-raba’ eccezzjoni ghaliex sa daki iz-zmien il-ligi ma kenitx taghmel distinzjoni bejn atti straordinarji ta’ amministrazzjoni u atti ordinarji. Fil-fatt il-gurisprudenza kienet tirreferi ghar-ragel bhala *“kap u padrun tal-komunjoni”*.
iii. Hekk kif ir-ragel iffirma l-kuntratt tal-4 ta’ Awissu 1993, rabat lill-komunjoni ta’ l-akkwisti (Artikolu 1324 tal-Kodici Civili).
iv. B’riferenza ghall-kont 1638245 Marianne Ellul issostni li l-facilita’ bankarja nghatat qabel izzewwget lil Mario Ellul u ghalhekk hu dejn parafernali tieghu. Hu minnu li dan l-*overdraft account* kien miftuh sa mill-1977 (Dok. HSBCX4 a fol. 422). Madankollu fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-20 ta’ Dicembru 1989 (fol. 910) u li bih Ellul (Holdings) Limited inghatat *overdraft facility* ta’ Lm24,000, jirrizulta li fil-kont kien hemm is-somma ta’ Lm7,983.521 (fol. 493). Ghalhekk ifisser li meta gie ffirmat il-kuntratt ta’ 20 ta’ Dicembru 1989 ma kienx hemm dejn fuq dan l-*overdraft account*. Mid-data tal-att Ellul (Holdings) Limited kellha ghad-disposizzjoni taghha *overdraft* ta’ Lm24,000 li bdiet taghmel uzu minnhom. Eventwalment bil-kuntratt tal-4 ta’ Awissu 1993 (fol. 916) Mario Ellul flimkien ma’ ohrajn, iggarantixxa *in solidum* dik is-somma u s-somma addizzjonali ta’ Lm216,000 li nghatat lil Ellul (Holdings) Limited bhala *overdraft*.

Ghal dak li jikkoncerna l-ipoteka specjali li giet registrata fuq il-fond Emilian, il-qorti tosserva:-

i. Marianne Ellul issostni li l-kunsens moghti bl-iskrittura tat-3 ta’ Awissu 1993 kien vizjat minhabba zball (ara paragrafu 26 tan-nota ta’ sottomissjonijiet). Hi tallega li *“meta iffirmat id-dokument li bih tat il-kunsens taghha ma kinitx taf realment x’jikkontjeni ghaliex zewgha ma kienx ghal darba ohra qallha l-verita’.”*. Pero’ ma nghatat l-ebda eccezzjoni f’dan is-sens.
ii. L-importanza dwar l-ipoteka li hemm fuq il-fond Emilian, hi ghal finijiet ta’ *ranking* ta’ kredituri. Irrispettivament jekk l-ipoteka li kien ta Mario Ellul hijiex valida jew le, id-dejn xorta jibqa’ tal-komunjoni tal-akkwisti.
iii. Marianne Ellul allegat li l-kunsens taghha ghall-iskrittura tat-3 ta’ Awissu 1993 kien vizjat minhabba biza’ u vjolenza li ezercita fuqha zewgha. Mill-atti jidher li kien hemm okkazzjonijiet li fihom zewgha refa’ jdejh fuqha u spicca gie akkuzat b’vjolenza domestika u misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Hekk per ezempju gara fl-14 ta’ April 1995 (fol. 135 -141). Hekk ukoll dwar incident iehor li nqala’ fid-19 ta’ Awissu 1994 (ara deposizzjoni tal-Ispettur Johan Fenech – fol. 290). Sahansitra fis-sentenza tas-separazzjoni (fol. 1076-1085), il-qorti osservat: *“Illi mill-provi prodott il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-attrici rnexxilha tipprova li z-zwieg taghhom spicca rremedjabilment minhabba tort tal-konvenut, dana kemm minhabba l-vizju tax-xorb li kellu l-konvenut kif ukoll minhabba l-vjolenza fizika ezercitata minnu fuq l-attrici u t-tfal taghhom, fil-maggior parti ghal ragunijiet ta’ xejn jew minhabba ragunijiet banali (ara xhieda ta’ l-attrici fol. 84; Dr Chircop fol. 151 u Dr Xuereb fol. 164; sentenza tal-prim istanza u appell Kriminali fol. 313).”* (fol. 1080). Fl-affidavit li pprezentat fit-2 ta’ Settembru 2004 (fol. 200) taghti l-verzjoni tal-fatti ta’ kif graw l-affarijiet. Fil-fehma tal-qorti wkoll jekk din hi l-verita’ dan ma jista’ qatt ikun ta’ pregudizzju ghad-drittijiet tal-HSBC Bank Malta plc li hu ghal kollox estraneju ghall-agir ta’ Mario Ellul. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentat fl-4 ta’ Jannar 2013 issostni: *“li kieku kienet taf il-verita’ ta’ x’fih id-dokument, l-esponenti kienet tibza’ toffri resistenza minhabba fis-sahha taghha u ta’ wliedha li kienu ghadhom ighixu that l-istess saqaf ma’ Mario Ellul, li kien bniedem vjolenti u alkoholiku.”*. Dan hu bazat fuq il-verzjoni li tat Mary Anne

Ellul li xehedet li ma kenitx taf x'qeghda tiffirma meta ffirmat l-iskrittura tat-3 ta' Awissu 1993. Is-sottomissjoni tal-konvenuta hi bazata fuq ipotezijiet, kieku kienet taf x'fiha. Mis-sottomissjoni taghha stess hu evidenti li l-firma taghha fuq id-dikjarazzjoni li bih tat il-kunsens biex tigi iskritta l-ipoteka fuq id-dar matrimonjali ma kienx minhabba li kien hemm xi deni mhedded minn zewgha sabiex tiffirma. Kompliet tghid li jumejn wara li ffirmat id-dikjarazzjoni marret l-ufficcju u *"Hawn bdejt niskopri ezattament x'inhi ipoteka w x'jista' jigri jekk il-loan ma tithallasx. Qabadni paniku kbir u mort ghand Avukat. Dan qalli li la darba l-loan kienet harget, ma stajtx nirrevokaha. Iggennint ghax ma ridtx nemmen illi zewgi wasal biex jaghmlilna hekk, kemm lili kif ukoll lil uliedu, ghax fuq kollox id-dar kienet taghhom ukoll."* (fol. 905). Madankollu ma jirrizultax li hadet passi bil-qorti biex timpunja d-dikjarazzjoni li kienet iffirmat. Anzi kollox baqa' kif kien sakemm iktar minn hames snin wara li ffirmat id-dikjarazzjoni, tat l-eccezzjoni f'din il-kawza.

B'riferenza ghall-eccezzjoni fejn saret riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti fil-kawza **Mid-Med Bank plc vs Ellul (Holdings) Ltd** (141/98 - fol. 205-206), m'hemmx prova li s-somma li qeghda tintalab f'din il-kawza hu nkluz f'dik is-sentenza. Anzi l-provi jindikaw mod iehor, fis-sens li:-

i. Fis-sentenza jinghad li s-somma ta' Lm671,882.69 kien self li nghata lil Ellul (Holdings) Limited.
ii. Jirrizulta li bil-kuntratt tal-4 ta' Awissu 1993 (fol. 45), Ellul (Holdings) Limited kienet inghatat ukoll self fl-ammont ta' Lm525,000 (ara fol. 49).

Eccezzjoni ohra li nghatat mill-konvenuti kollha hi li ma jaqblux li l-ammont kollu hu dovut ghaliex jidher li gew ikkalkulati imghaxijiet komposti. Jibda biex jinghad li l-gurisprudenza hi konkordi li f'kaz ta' *overdraft* m'hemm xejn irregolari meta l-imghax jigi kompost, b'dan li mal-*call in* m'ghandux jibqa' jigi kompost (ara per ezempju **Lombard Bank Malta plc vs IV's Co Ltd** deciza minn din

il-qorti[4] fit-3 ta’ Lulju 2003). Fl-atti m’hemmx prova ta’ meta sar il-*call in*. Mill-provi jidher li mit-22 ta’ Settembru 1998 l-imghax ma baqax jigi kompost (ara Dok. HSBC1-HSBC4 a fol. 115-119).

Permezz ta’ nota prezentata fil-11 ta’ Mejju 2003 (fol. 114) il-bank irriduca t-talba bis-somma ta’ Lm39,824.27. Mill-provi li tressqu m’hemm xejn li jwassal lill-qorti biex tiddubita mic-cifri li jippretendi l-bank fuq kull wiehed mill-kontijiet overdraft meritu ta’ din il-kawza. Inoltre hadd mill-konvenuti ma ressaq xi prova li jikkontradici dak li xehed Dr Adrian Borg.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li l-meritu tal-ewwel eccezzjoni gie ezawrit wara li b’riferenza ghal din l-eccezzjoni l-konvenuti ddikjaraw li ma jopponux ghat-talba tal-bank sabiex jipprezenta nota bl-ismijiet tax-xhieda li ried iressaq bhala provi (ara verbal tal-10 ta’ Gunju 1999 – fol. 42).**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u sitt eccezzjoni ta’ Mary Anne Ellul.**
**3. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u sebgha eccezzjoni ta’ Mary Anne Ellul.**
**4. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Anne Ellul u tal-kuraturi.**
**5. Tilqa’ t-talbiet tal-HSBC Bank Malta plc fis-somma ta’:-**

**i. Erbgha mija u tmint elef sitt mija u erbgha ewro (408,604) bhala kapital[5].**
**ii. Erbgha u tmenin elf disgha mija u sbatax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (84,917.56) bhala imghax in kwantu ghal:**

[4] Imhallef T. Mallia.
[5] Ara dokumenti HSBC1 sa HSBC4 a fol. 115-119.

**a) 9,767.23 ewro fuq il-kont 371638261 mit-23 ta' Settembru 1998 sat-12 ta' Mejju 2003.**
**b) 18,187.72 ewro fuq il-kont 371640983 mit-23 ta' Settembru 1998 sal-5 ta' Dicembru 2003.**
**c) 50,796.67 ewro fuq il-kont 371638245 mit-23 ta' Settembru 1998 sal-5 ta' Dicembru 2003.**
**d) 6,165.95 ewro fuq il-kont 371643036 mit-23 ta' Settmbru 1998 sal-5 ta' Dicembru 2003.**

**6. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* sabiex ihallsu lill-atturi l-ammonti hawn fuq imsemmija, bl-imghax mid-dati fuq imsemmija.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti in solidum b'dan li d-dritt tal-kuraturi jithallas provizorjament mill-bank attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------